

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Identifikatur Ewropew Tal-ġurisprudenza \(ECLI\)](#) > [Portugal](#)

Identifikatur ewropew tal-ġurisprudenza (ECLI)

Il-kontenut ipprovdut minn Portugal



Portugall

Koordinatur Nazzjonali tal-ECLI

Indirizz: Rua Duque de Palmela Nru 23, 1250-097 Lisboa – il-Portugall

Telefown: +351 213 220 020

Faks: +351 213 474 09 918

Posta elettronika: csm@csm.org.pt

Sit web: <https://www.csm.org.pt/>

Kodiċi tal-pajjiż

Il-kodiċi tal-pajjiż għall-Portugall huwa: [PT].

Ġenerazzjoni ta' ECLI nazzjonali

L-introduzzjoni mill-Portugall tal-Identifikatur Ewropew tal-Każistika (ECLI) tlestiet f'Novembru tal-2018, bħala parti minn proġett ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea permezz tal-Programm dwar il-Ġustizzja 2014-2020 tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Konsumaturi (DG JUST). Din kienet inizzjattiva konġunta tal-Kunsill Suprem tal-Ġudikatura (*Conselho Superior da Maġistratura*) u l-Istitut għall-Ġestjoni Finanzjarja u tal-Proprietà tas-Servizzi Ġudizzjarji (*Instituto de Gestão Financeira e Equipamentos da Justiça*).

L-ECLI bħalissa jkopri s-sentenzi tal-qrati superjuri:

- Il-Qorti Suprema tal-Ġustizzja (*Supremo Tribunal de Justiça*)
- Il-Qorti tal-Appell ta' Coimbra (*Tribunal da Relação de Coimbra*)
- Il-Qorti tal-Appell ta' Évora (*Tribunal da Relação de Évora*)
- Il-Qorti tal-Appell ta' Guimarães (*Tribunal da Relação de Guimarães*)
- Il-Qorti tal-Appell ta' Lisboa (*Tribunal da Relação de Lisboa*)
- Il-Qorti tal-Appell ta' Porto (*Tribunal da Relação do Porto*)

Is-sit web <https://jurisprudencia.csm.org.pt/> jipprovdri aċċess għal magna tat-tiftix ġdida għall-ġurisprudenza nazzjonali bl-użu tal-ECLI.

L-ECLI fil-Portugall huwa magħmul mill-komponenti li ġejjin:

- "ECLI";
- Il-kodiċi tal-pajjiż: "PT";
- Il-kodiċi tal-qorti: "STJ", "TRL", "TRP", "TRC", "TRE" jew "TRG" (bħalissa l-ECLI hija disponibbli sabiex jiġu identifikati s-sentenzi tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja u tal-qrati tal-appell ta' Lisboa, Porto, Coimbra, Évora u Guimarães);
- Is-sena tas-sentenza;

- Numru tas-serje, li fil-każ tal-Portugall, huwa bbażat fuq in-numru tal-kawża (flimkien ma' kultant żewġ karattri ta' identifikazzjoni użati għad-distribuzzjoni tal-kawża fil-qrati superjuri).

Kull komponent jiġi separat b'kolon.

Eżempju ta' ECLI Portugiż:

L-identifikatur ECLI:PT:TRC:2017:198.15.3GCACB.C1, jikkorrispondi għal sentenza mogħtija fil-Portugall (PT), mill-Qorti tal-Appell ta' Coimbra (TRC), fl-2017, fil-Kawża Nru 198/15.3GCACB.

■ L-aħħar aġġornament: 30/12/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.